MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1624/2005

**Michael Attard (ID No 9320M)**

**Vs**

**Gulina Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2005 fejn gie premess illi l-attur huwa l-propjetarju tal-fond " Victor Flats" Triq l-Oratorju Gharghur, li grawlu danni stante li s-sigra tal-konvenuta thalliet gheruq li kibru tant li dahlu fil-propjeta` ta' l-attur u telghu minn taht l-art u nifdu l-madum, danni ammontanti ghal disa` mitt Liri Maltin (Lm900). Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta illi permezz taghha gie eccepit illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda

peress li l-eccipjenti ma ghandha ebda sigra li qed tikkaguna danni lill-propjeta` tal-attur kif qed jigi allegat, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-pretenzjoni tal-attur hija wahda ezagerata ghal kollox, salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Sema l-provi kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2006 l-kawza thalliet ghas-sentenza in diffett ostakolo ghas-6 ta' Lulju 2006;

Ra illi b'rikors tal-21 ta' Gunju 2006, il-konvenuta talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, talba li giet milqugha;

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2006 il-partijiet ittrattaw il-kawza u dak in-nhar il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-17 ta' Ottubru 2006;

Ra illi b'rikors tal-15 ta' Settembru 2006 l-attur talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, talba li giet milqugha.

Ra d-digriet tieghu tas-17 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu t-Tribunal cahad it-talba ta' l-attur maghmula bir-rikors tieghu tal-15 ta' Settembru 2006;

Ra illi fis-17 ta' Ottubru 2006, il-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta' disa mitt Liri Maltin (Lm900) rapprezentanti danni allegatament minnhu sofferti konsegwenza tal-fatt illi l-konvenuta halliet gheruq ta' sigra taghha jikbru tant illi qala` l-madum tal-fond ta' l-attur. F'dan il-kuntest l-attur esebixxa certifikat MA1 tal-Perit Gilbert Buttigieg.

L-istess attur jghid illi meta kellem lill-konvenuta "din cahdet illi kienet minn taghha". Sussegwentament gie t-

tifel ta’ ohtha jittawwal u qalli li dawn iz-zkuk ma kienx jahseb illi kienu minn taghhom”.

Illi l-istess attur jghid illi meta nies il-konvenuta ivverifikaw mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura x’tip ta’ sigra kienet meta nghataw bicca zokk mill-attur, dawn gew mgharrfa illi kienet sigra differenti minn dik illi kien hemm fil-giardina tal-konvenuta (fol 11).

L-attur jghid illi kellu jaqla` l-madum u ghadu maqlugh sal-lum b’telf ta’ kera tal-post tieghu.

In kontro-ezami, l-attur jghid wkoll (fol 12) illi t-tabib illi kien ipoggi fil-fond tieghu dam tletin sena` jahdem minn hemmhekk, u qatt ma qallu xejn fuq il-madum.

Ikkunsidra :

Ir-rapport tal-Perit Gilbert Buttigieg u l-affidavit ta’ Peter Agius, konsulent agrikolu li jghid illi l-gheruq illi nstabu taht il-madum tal-fond ta’ l-attur huma identici ghal dawk ta’ sigra tat-tut li qed tikber f’ghalqa ta’ terzi.

Sema x-xhieda tal-konvenuta Gulina Aquilina (fol 35 et seq), li qalet illi s-sigra tat-tut fil-giardina taghha ilha madwar 60 sena, minn ferm qabel ma bena l-attur il-fond tieghu;

Sema x-xhieda ta’ Mario Aquilina, neputi tal-konvenuta li qal illi ghalkemm l-attur kien baghat ghalih, qatt qabel il-kawza ma kienu rcevew xi talba ghal hlas.

Ra l-atti l-ohra tal-kaz.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi s-somma ta’ disa` mitt Liri Maltin (Lm900) qed tintalab mill-attur peress illi jghid illi dawn huma danni minnhu sofferti konsegwenza tal-fatt illi gheruq minn sigra allegatament tal-konvenuta nifdu taht il-madum tal-fond ta’ l-attur.

Illi l-konvenuta tilqa` ghal din it-talba b'zewg eccezzjonijiet – fl-ewwel lok illi ebda sigra minn taghha ma kkawzat danni lill-attur, u fit-tieni lok, illi s-somma mitluba hija esagerata.

It-Tribunal, sabiex jasal ghal konkluzjoni tieghu qies illi r-rapport tal-Perit Gilbert Buttigieg (Dok MA1 a fol 14) ma giex mahluf mill-istess Perit illi ma tressaqx biex jixhed u jikkonferma r-rapport tieghu, anke jekk tali rapport kien qed jigi kkontestat.

Kif jirrizulta anke mill-Artikolu 563 (A) tal-Kap 12, il-ligi taghna trid illi opinjoni moghtija minn persuna kwalifikata tkun b'mod jew iehor guramentata – tant illi l-ligi kkwotata tikkontempla illi tali persuna illi jesprimi opinjoni tissejjah bhala xhud.

B'dana kollhu, anke in linea ma' l-Artikolu 9(1) tal-Kap 380 li permezz tieghu gudikatur jista` jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal mbasta skond id-dettalji tal-gustizzja naturali, in linea wkoll man-natura sommarja tal-kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u finalment wkoll mnebbah bil-hsieb tal-Qorti ta' l-Appell Kriminal fis-sentenza taghha tal-11 ta' Dicembru 1986 fil-kawza **Pulizija vs Grezzju Spiteri** fejn gie espress illi "in-nuqqas ta' twettiq bil-gurament tar-rapport ma hux determinanti pero` illi f'kawza sommarja r-rapport mhux bilfors ikun mahluf", it-Tribunal iqis illi r-rapport Dok MA1 ghandu jigi kkunsidrat ghal finijiet ta' decizjoni ta' din il-kawza.

Qabel xejn it-Tribunal jinnota illi l-Perit stess iddikjara illi "the property is currently being upgraded and is to be refinished. After the removal of the previous tiling it transpired that a considerable amount of roots from neighbouring trees had found their way into the above property".

Il-Perit ikompli jghid illi "…. It is necessary to eliminate all the roots before any flooring is to be laid".

Huwa ghalhekk evidenti mill-istess rapport illi l-gheruq tfaccaw biss wara illi nqala` l-madum sabiex isir upgrading tal-fond tal-attur.

Illi dawn il-konkluzjonijiet tal-Perit ex parte ta’ l-istess attur, maghduda ma’ l-istess deposizzjoni ta’ l-attur meta qal illi fi tletin sena t-tabib illi okkupa l-fond tieghu, qatt ma’ lmenta jew qallu xejn fuq il-madum, iwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi illi in effetti l-gheruq nstabu biss wara ili nqala` l-madum sabiex isir “upgrading” tal-fond, u mhux kif jallega l-attur fl-Avviz, illi l-gheruq ikkawzaw danni li wasslu sabiex jinqala` l-madum.

Dan qed jinghad apparti l-fatt illi r-rapport tal-Perit Buttigieg ma’ jaghmel ebda nexus sodisfacenti bejn l-gheruq fil-fond u s-sigra tal-konvenuta – jghid biss “one particular tree is in close vicinity to the mentioned building”.

It-Tribunal ghalhekk ma jistghax jaqbel u jakkolji l-pretensjoni u t-talba tal-attur illi l-gheruq ta’ sigra tal-konvenuta ikkawzaw xi danni fil-fond ta’ l-attur, wkoll meta ma giex ippruvat b’mod sodisfacenti illi tali gheruq gejjin minn sigar tal-konvenuta. L-uniku prova illi ngiebet kienet dik ta’ Peter Aguis (fol 18) li kkonkluda biss illi l-gheruq gew mqabbla ma gheruq ta’ sigra tat-tut “li tinsab tikber f’ghalqa ta’ terzi”. B’din il-livell ta’ prova, it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi illi s-sigra hija tal-konvenuta.

B’din il-konkluzjoni – ikun superfluwu illi t-Tribunal jesprimi ruhu fuq il-fatt illi ma ngiebet ebda prova dwar il-quantum tad-danni riklamati.

Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara illi ezamina l-provi kollha prodotti, it-Tribunal b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------